MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1142/2008

**Carmela *sive* Lina Muscat detentrici tal-karta ta' identita` numru 181048 (M)) f'isem u ghan-nom ta' Joseph Vella assenti minn Malta.**

**vs**

**Paul u Carmen konjugi Galea rispettivament detenturi tal-karta tal-identita' 689355 (M) u 457658 (M).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti *nomine* datat 17 ta' Novembru 2008 fejn gie premess :

1. Illi hija ghandha prokura generali moghtija lilha mill-imsemmi Joseph Vella, huha, residenti fl-istat ta' Victoria, l-Awstralja, datata 11 ta' Novembru 2005 u maghmula quddiem il-Konslu Onorarju ghal Malta f'Melbourne, l-Awstralja – DOK A

2. Illi bis-sahha tal-istess prokura u ghan-nom tal-istess assenti huha Joseph Vella, fl-24 ta' Novembru 2005, dahhlet fi skrittura privata –DOK B- li permezz taghha l-intimati Paul u Carmen konjugi Galea iddikjaraw illi huma kienu veri, certi u likwidi debituri tar-rikorrenti noe. fl-ammont ta' hmistax-il elf, tmien mija u tmienja u erbghin Euro u tmienja u erbghin centezmu – gja sitt elef u tmien mitt Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu Lm6,800.32)

3. Illi bl-istess skrittura l-imsemmija debituri hawnhekk intimati ddikjaraw illi kienu rcevew il-flus fl-14 ta; Awwissu 2004 u li kellhom jirrestitwixxu lura din is-somma sal-ahhar ta' Jannar tas-sena 2007, b'dan illi jiddekorri imghax ta' 4%, dekorribbli mid-data msemmija sad-data tal-hlas.

4. Illi in garanzija tal-istess restituzzjoni tas-somma msemmija, l-hawnhekk intimati anke rrilaxxjaw cekk- DOK C- sabiex ikopru dak minnhom dovut, inkluz mill-imghax, limea cekk pero baqa' ma giex qatt imsarraf.

5. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex ihallsu, l-intimati baqghu qatt ma effettwaw il-hlas u li sar kien dejjem prorogi tal-iskrittura originali, kif jixhdu DOK B, flimkien ma' DOK D, DOK E u DOK F, li giet prorogata l-ahhar fid-29 ta' Ottubru 2008 sas-7 ta' Novembru 2008.

6. Illi r-rikorrenti tikkonferma u tiddikjara li sa fejn taf hi, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni li jistghu jaghtu kontra ta-talba li qed issir permezz ta' dan ir-rikors guramentat.

Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet li l-inimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bid-dipsensa tas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-terminu a tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti noe fis-somma ta' hmistax-il elf, tmien mija u tmienja u erbghin centezmu (€15.840.48) gja sitt elef u tmien mitt Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu Lm6,800.32 u

3. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-imsemmija somma ta' hmistax-il elf, tmien mija u tmienja u erbghin centezmu (€15.840.48) gja sitt elef u tmien mitt Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu Lm6,800.32

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-prezenti u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghax ta' 4 fil-mija (4%) sal-gurnata tal-prezentata ta' dan l-att u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tar-rikorrenti.

Rat li l-intimati debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi pprezentaw nota ta' ammissjoni tat-talbiet attrici u dan permezz ta' nota datata 10 ta' Dicembru 2008 kollox kif jirrizulta mill-istess nota pprezentata fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008, fejn dehru wkoll l-istess konvenuti assistiti minn Dr. Richard Sladden.

Rat il-verbal tas-seduta datata 10 ta' Dicembru 2008.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke peress li t-talbiet huma ammessi mill-intimati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti**

**fir-rikors guramentat datat 17 ta' Novembru 2008** *stante* l-ammissjoni *da parte* tal-intimati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni ndikat u bl-imghax ta' 4% sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors guramentat u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-istess att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------